RECENSJONI

KITBIET IMZEWQA -twemmin, storja, arti u folklor ta' Rafel Bonnici Cali' Pubblikazzjoni Lohen is-Sewwa 1987 L-ewwel Volum.

Dan il-ktieb ta' 180 pagna qieghed biex jilhaq lil kull min ihobb jaqra dwar is-suggetti imsemmijin fis-sotto titolu tieghu, ghalhekk huwa imzewwaq tajjeb b'a rtikoli qosra li ma jistghux idejqu. Dawn huma mzewqin mhux biss fis-sustanza, izda wkoll bl-illustrazzjonijiet ta' kull xorta. Ghal zmien twil, Rafel Bonnici Cali kiteb bosta artikoli, l-aktar fil-Lehen is-Sewwa, ukoll f' Il-Hajja li ghandhom xehta folkloristika. Dak li jidher fil-gazzetti u gornali m'ghandux ghalfejn jintilef, ghax min jinteressah jista' jaqta' il-pagni u jzommhom ghar-referenza, u wkoll ikunhemm kopji taghhom fil-librerij, izda meta jingabru fi ktieb, dan ikun dejjem ghal-idejk u tista' tirreferi ghalih. Dan il-ktieb huwa tip li tista' taqrah bicca bicca, u meta trid tirreferi ghalih. La huwa novella li taqrha u thalliha, u lanqas xoghol xjentifiku specjalizzat li jkollu limitazzjonijiet ghall-qarrej generali.

Minhabba li Rafel Bonnici Cali huwa primarjament artist ukoll fl-arti tieghu idahhal certu spirtu spiritwali u folkloristiku fix-xoghol tieghu, li huwa rifless fil-kitba tieghu. Min ihobb il-folklor tfisser li f'dak li jara u jisma ihoss aktar milli jidher u jinstema, ghax isib konnessjonijiet ma' l-imghoddi u tifsiriet li haddiehor ma jiguhx f'mohhu. Dan il-ktieb imiss il-folklor tad-devozzjonijiet u tad-drawwiet lokali, u l-valur tieghu huwa aktar il-fatt li fih minsug il-personalita' ta' l-awtur, li juza stil ghalih u li ma jintrabatx biss mad-divulgazzjoni tal-fatti ghall-informazzjoni, izda jdahhal aspetti ohra li ma nkitbux qabel, u jaghtu xejra differenti lill-artikoli tieghu. Ahna tal-Folklor napprezzaw dan il-ktieb, u nistennew it-tieni volum.

GUIDO LANFRANCO